**Art. 276 L-Orizzont**

**Lorna Vassallo**

**Data tal-Publikazzjoni: 21 ta' Ottubru 2005**

## Sentejn wara

Stramba li titkellem fuq il-programm elettorali li l-Partit Laburista kien tilef elezzjoni bih. Izda telfa elettorali hija iktar telfa ghal poplu f'certi kazijiet milli telfa ghal partit.

Veru – ic-cirkustanzi kienu differenti. Kien ghad baqghalna f'idejna l-possibbiltà li ma nkunux membri ta' l-Unjoni. Fi kliem iehor Gvern Malti gdid li seta' gie elett fil-2003 kien se jkun gvern nazzjonali b'poter assolut. Izda xorta wahda hadt pjacir inqalleb fil-folja ta' dan il-ktejjeb u nipprova nevalwa li kieku fl-2003 dan il-programm elettorali sehh kienx ikollna l-problema tal-50 miljun li llum nessietna c-cajta tal-Lm100 miljun!

Sentejn ilu s-sitwazzjoni ekonomika kienet digà wahda mwieghra hafna.

Partit Laburista, dak iz-zmien kien qal, "naghtu sinjal car u konkret li rridu nnehhu bis-serjetà l-istagnar ekonomiku li waqa' fih il-pajjiz.

Biex nistimulaw l-attività kummercjali fil-pajjiz "Ghal dan Partit Laburista kien wieghed li jhabbar certa mizuri godda li bihom tigi ggenerata attività kummercjali gdida".

F'dan il-kuntest Partit Laburista kien habbar ftit jiem qabel l-elezzjoni li kellu jkun hemm perjodu ta' xahrejn fejn ma tithallasx taxxa mic-cittadini biex tahseb ghal dan l-istimolu fl-ekonomija.

### Taxxi

Fil-kaz tat-taxxi kien intqal u nkiteb: "Jitnehha l-impenn li gie mpost mill-Unjoni Ewropea fuq il-Gvern Nazzjonalista dwar l-introduzzjoni tal-VAT fuq l-ikel, il-medicini, l-apparat mediku u l-pubblikazzjonijiet stampati" (p.9); "tigi reveduta l-firxa ta' prodotti u servizzi" (p.9); "jigu reveduti t-'thresholds' tan-negozji z-zghar" (p.9); "riveduta l-procedura tar-'refunds' ... biex tittaffa ftit il-problema tal-likwidità u ta' stagnar ekonomiku kkawzati minn dan il-gvern" (p.9) u li "mhux se ngholl u r-rati ta' taxxa" (p.9).

Meta dan il-kliem li kellu jindifen ma' telfa elettorali Laburista jigi mqabbel ma' dak li qieghed jintqal illum l-kuntrast johrog sewwa.

Illum ghandna gvern li ghalkemm qieghed jipprova jorbot l-imsiehba socjali b'garanziji bankarji biex ma jitkellmux nafu digà jiem qabel il-Bagit ta' din is-sena li wahda mis-'soluzzjonijiet' li qeghdin jigu offruti hija VAT ta' 23%.

### Biedja u sajd

Gvern Laburista kien wieghed ukoll vaganzi tat-taxxa ta' hames snin jew aktar u li "izzomm il-protezzjoni ghall-bdiewa Maltin u Ghawdxin." (p.17)

Weghdiet ohrajn li jistonaw ma' dak li qieghed jigri bhalissa hija weghda li l-Partit Laburista kien ghamel fil-Programm Elettorali fl-istess pagna li tghid:

“Il-bdiewa u rahhala li qeghdin jahdmu fuq l-art Maltija u Ghawdxija se jkunu jistghu jserrhu rashom li hadd ma jkun jista’ johdilhom din l-art lura.”

M’ghandniex ghalxiex nghidu li jekk nistaqsu lill-bidwi li kien jokkupa art u razzett hdejn il-grawnd tal-futbol il-Mel-lieha jew lill-ghadd ta’ bdiewa tal-Manikata jghidulek kemm Gvern Nazzjonalista serrhilhom rashom li l-ghelieqi li huma l-uniku sors ta’ ghixien taghhom jibqghu ghandhom.

L-ideja li nislet xi partijiet mill-programm elettorali tal-Partit Laburista ta’ l-2003 hija inspirata mill-mistoqsija jekk il-qaghda ekonomika f’pajjizna kinitx tkun ahjar kieku fl-2003 ghazilna dik il-politika u mhux dik li haddan Partit Nazzjonalista.

Tghid kieku qeghdin ahjar? Tghid Partit Laburista kellu ragun iktar dak iz-zmien? Tghid kien iwassalna ghal qaghda ekonomika ahjar?

Ghalkemm ir-relevanza ta’ ezercizzju bhal dan tista’ tkun biss teoretika – johrog punt ta’ relevanza kbira. Il-kredibbiltà ta’ Partit Laburista u l-kapacità tieghu li jipprogetta l-effett ta’ certa tip ta’ politika fuq il-pajjiz.

Partit Laburista mmexxi minn Dr Alfred Sant kellu vizjoni cara tal-futur? Kien bassar minn qabel l-effett ekonomiku fuq il-pajjiz ta’ certi mizuri? Kien anticipa xi tbatijiet ghall-haddiema li Gvern Nazzjonalista injorahom ghal sena wara l-ohra?

Hija din ir-relevanza li ezercizzju bhal dan ghandu. Fuq liema partit nistghu noqghodu l-aktar biex jipprevedi l-konsegwenzi ekonomici ta’ decizjonijiet politici?

**Bagit 2006 – Bagit b’differenza**

Il-bagit tas-sena 2006 ghal darb’ohra se jkun b’differenza. Kulhadd dara li Gvern Nazzjonalista iktar jintroduci taxxi barra l-Bagit milli dak in-nhar tal-┐ agit. Saret ukoll tradizzjoni li l-Gvern jghidilna x’diffikultajiet qieghed jiffaccja biex naghdruh u nifhmuh.

Saret ukoll tradizzjoni li jaghmel xi rtir ma’ l-imsiehba socjali biex idahhalhom f’xi xkora li taparsi kienu komplici mieghu f’li jitfghu l-piz tad-decizjonijiet hziena tal-gvern fuq ic-cittadin. Saret ukoll tradizzjoni li membri tal-Partit Nazzjonalista stess ma jaqblux mad-decizjonijiet li ttiehdu mill-Gvern taghhom.

Id-differenza però, minn snin ohra, din is-sena tidher li se tkun li minn qabel il-Bagit, ghall-ewwel darba ghandna toghma (qarsa kemm hi qarsa) ta’ x’mizuri fiskali iebsa hemm lesti ghalina. Sahansitra nafu bil-quddiem kemm hi kbira l-hofra li jrid jaghmel tajjeb ghaliha c-cittadin.

Taht Gvern Nazzjonalista drajna nisimghu biss kemm sar iktar gbir ta’ taxxi u multi mill-gvern u kemm hemm bzonn isir iktar. Ciklu vizzjuz li ghejja sal-mewt lic-cittadin izda mhux lill-Gvern stess. Il-Gvern donnu li ma ghejjiex imexxi.

Ghandu x’jorbtu mas-siggu tal-poter. Minkejja l-inkompetenza, nuqqas ta’ previzjoni tal-futur u ta’ konsegwenzi ekonomici hziena u minkejja t-tbatija li qieghed jikkawza lill-familji Maltin Gvern Nazzjonalista huwa mitluf jemmen li qieghed jaghmel tajjeb.